



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0136/2010, imressqa minn H. H. (ta' nazjonalita' Ġermaniża), dwar iż-żieda fil-prezz tal-bejgħ bl-imnut biex jiġu koperti l-multi ta' konsorzju**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qed jitlob li jkun hemm projbizzjoni taż-żidiet fil-prezz tal-bejgħ bl-imnut biex jiġu koperti l-multi ta' konsorzju jew penali relatati. Biex jagħti eżempju, huwa jirreferi għal multa għal bejgħ bl-għoli imposta fuq operatori tan-netwerk tal-gass u tad-dawl Ġermaniżi. Ma kinux mitluba jħallsu l-multa direttament u ntalbu jkopru l-ispejjeż billi jżidu sussegwentement ir-rati tal-elettriku u tal-gass. Il-petizzjonant jargumenta li dan jagħtihom vantaġġ inġust fuq il-kompetituri Ġermaniżi u Ewropej, li ma jgawdux mill-istess faċilitajiet fir-rigward ta' strutturi ta' pprezzar fil-futur.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fl-4 ta' Mejju 2010. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 202(6).

### 3. *Risposta tal-Kummissjoni*, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010.

L-awtorità ta' regolamentazzjoni Ġermaniża BNetzA approvat tariffi għal aċċess għal sistemi ta' trażmissjoni u għal ċerti sistemi ta' distribuzzjoni (elettriku u gass). Hija sabet li fil-maġġoranza tal-każijiet l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni għandhom ibaxxu t-tariffi tagħhom, minħabba li l-ispejjeż sottostanti ma kinux ġustifikati b'mod sħiħ. Minħabba ż-żmien li kien għadda mid-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet relevanti dwar tariffi u l-ispejjeż (GasNEV u StromNEV) u d-deċizzjonijiet proprja meħuda mill-BnetzA, l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni talbu ħlas għoli wisq lill-utenti tan-netwerk matul il-perjodu interim.

Skont il-liġi Ġermaniża (sezzjoni 33 tal-Att dwar l-Enerġija), il-BNetzA tista' tirrikjedi li l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni jħallsu lura dan id-dħul mhux ġustifikat. Il-BNetzA eżerċitat din is-setgħa. Hija ddeċidiet li dan il-ħlas lura jsir permezz ta' tariffi aktar baxxi għal xi snin fil-futur.

Il-petizzjonant qed jitlob li l-Kummissjoni tiddikkjara din il-prattika bħala waħda illegali u tordna lill-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni jħallsu lura l-ammont sħiħ minnufih.

Id-deċiżjonijiet tal-BNetzA huma konformi man-normi tal-liġi dwar l-enerġija. L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) 1775/2005 (“ir-Regolament tal-Gass”) jipprevedi li t-“tariffi għandhom ikunu trasparenti, jieħdu kont tal-ħtieġa tal-integrità tas-sistema u t-titjib tagħha u jirriflettu l-ispejjeż effettivament magħmula, sa fejn dawn l-ispejjeż jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment komparabbli tan-netwerk u jkunu trasparenti filwaqt li jinkludu qligħ xieraq fuq l-investimenti, u fejn ikun il-każ b'kont meħud tal-benchmarking ta' tariffi mill-awtoritajiet regolatorji. It-tariffi, jew il-metodoloġiji użati sabiex dawn jiġu kalkolati, għandhom jiġu applikati b'mod non-diskriminatorju.”

Bl-istess mod, l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) 1228/2003 (“ir-Regolament tal-Elettriku”) jirrikjedi li l-“Piżijiet applikati minn operaturi tan-networks għal aċċess għan-networks għandhom ikunu trasparenti, waqt li jqisu l-ħtieġa għas-sigurtà tan-network u jirriflettu spejjeż attwalment minfuqa meta jistgħu jitqabblu ma' dawk ta' operatur ta' network effiċjenti u strutturalment paragonabbli u applikati b'mod mhux diskriminatorju. Dawk il-piżijiet ma għandhomx ikunu relatati mad-distanza.”

Id-deċiżjonijiet inizjali meħuda mill-BNetzA jiżguraw li t-tariffi jkunu bbażati fuq l-ispejjeż.

Id-deċiżjonijiet sekondarji tal-BNetzA li jiddeterminaw il-ħlas lura (indirett) lill-utenti tan-network permezz ta' tariffi futuri aktar baxxi ma jmorru kontra r-Regolament tal-Gass jew il-qafas legali l-ieħor fil-qasam tal-liġi tal-enerġija. Id-dispożizzjoni Ġermaniża li tagħti s-setgħa lill-BNetzA li tordna l-ħlas lura la hija bbażata fuq id-Direttiva 2003/54/KE u lanqas fuq id-Direttiva 2003/55/KE. Filfatt, dan huwa rekwiżit tal-liġi Ġermaniża li japplika biss għal-liġi tal-enerġija u tal-antitrust.

Għalhekk ma hemm l-ebda bżonn li l-Kummissjoni tieħu azzjoni.